# San Ġiljan fl-Imgħoddi

**Kitba ta' Mario Fenech**



Matul dawn l-aħħar snin seħħ żvilupp xi ftit mgħaġġel fl-inħawi ta' San Ġiljan u l-madwar. Għaldaqstant huwa tajjeb li nagħtu ħarsa lejn uħud mir-ritratti li għandi fil-kollezzjoni tiegħi biex naraw xi xeni missnin l-imgħoddija.

Ritratt interessanti huwa dak li fih jidher karrozzin bil-kuċċier tiegħu riekeb fuqu qiegħed jistenna xi kirja max-xatt tal-bajja ta' San Ġiljan. Jidhru sew il-loġoġ tas-sajjieda qabel ma' dawn ġew mibdula f'ristorant, il-faċċata tal-Palazz Spinola meta kienet għadha tintlemaħ minn mad-dawra tax-xatt, kif ukoll il-faċċata tal-Knisja tal-Kunċizzjoni. Il-bini l-ieħor li jidher fir-ritratt huwa dak tipiku Malti, filwaqt li fil-baħar jidhru ftit dgħajjes li kienu jintużaw mis-sajjieda tal-inħawi. Ma tidher l-ebda vettura fir-ritratt, dan jagħmel kuntrast qawwi ma' dak li wieħed jara fl-inħawi tal-bajja, illum, matul il-jum kollu.

Fir-ritratt l-ieħor naraw xena mill-isbaħ tat-triq ta' mad-dawra tal-baħar. Tidher sew il-menqa fejn kienu jtellgħu għall-kenn l-opri tal-baħar tagħhom is-sajjieda Ġiljanizi li tnejn minnhom jidhru sew f'dan ir-ritratt. Naraw ukoll id-djar sbieħ li sa ftit tas-snin ilu kienu għadhom weqfin fit-triq li minn San Ġiljan tieħdok lejn il-Bajja tal-Balluta. Aktar lil hinn fil-parti tax-xellug tar-ritratt wieħed jinnota li ma kienx għad hemm bini lejn it-tarf ta' Tas-Sliema fejn illum jibdew il-limiti tal-Parroċċa ta' San Girgor.

Ir-raħal ta' San Ġiljan minn dejjem kien jiġbed in-nies lejh. Dan narawh mill-fatt li jidher sew ir-*Riviera Restaurant* li kien l-ewwel wieħed li kien hemm fl-inħawi. Kuntrast ieħor mal-ħafna stabbilimenti li hemm mad-dawra tal-baħar illum. Ħdejn dan l-istess restorant tidher għaddejja karrozza tal-linja ta' din l-epoka. Dan ir-ritratt gie miġbud viċin il-jiem tal-Festa ta' San Ġiljan. Dan il-fatt ninnutawh mill-arbli li hemm weqfin mad-dawra tal-baħar.



Kien żmien ieħor meta l-ħajja kienet waħda kwieta u sempliċi. Forsi xi ftit storbjuża, darba fis-sena waqt il-jiem tal-Festa ta' San Ġiljan jew waqt il-jum tal-Festa ta' Lapsi li kienet tant popolari man-nies dak iż-żmien.